

## RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija**

(2012/C 388/08)

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni ("l-Aġenzija"), li tinsab fi Brussell, hija dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (IEEA). Il-mandat tagħha u t-tul ta' żmien tagħha ġew mibdula bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE <sup>(1)</sup> li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE <sup>(2)</sup>. L-Aġenzija kienet stabbilita għal perjodu ta' żmien limitat li beda fl-1 ta' Jannar 2004 u li issa se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015, bil-għan li timmaniġġja azzjonijiet tal-UE fl-oqsma tal-enerġija, l-intraprenditorjat u l-innovazzjoni, u t-trasport sostenibbli tal-merkanzija <sup>(3)</sup>.

## INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(4)</sup> tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-"rapporti finanzjarji" <sup>(5)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(6)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

## Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati <sup>(7)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli milli

jistabbilixxi <sup>(8)</sup> l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni rilevanti għat-tħejija ta' kontijiet finali <sup>(9)</sup> li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

## Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(10)</sup>, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52.

<sup>(2)</sup> ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.

<sup>(3)</sup> L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(4)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

<sup>(5)</sup> Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(6)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 10).

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004.

<sup>(9)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità milli-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 651/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 15).

<sup>(10)</sup> L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

#### **Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Aġenzija <sup>(11)</sup> jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-Regoli tal-Kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni <sup>(12)</sup>.

#### **Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

#### **ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

12. Il-baġit inizjali 2011 tal-Aġenzija ta' EUR 16,2 miljun kien jinkludi EUR 10,7 miljun għall-ispejjeż tal-persunal. In-nefqa reali tal-persunal kienet ta' EUR 10 miljun. Filwaqt li l-baġit kien stmat iżżejjed b'EUR 0,7 miljun, is-sottoutilizzazzjoni kien inqas mis-snin ta' qabel (pereżempju EUR 1,5 miljun fl-2010 <sup>(13)</sup>).

#### **KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAL-AĠENZIJA**

13. Skont il-ftehim ta' kiri li ġie konkluż fl-2010 għall-bini l-ġdid tagħha, l-Aġenzija trid tħallas ammont totali ta' EUR 2,4 miljun fir-rigward ta' rinnovazzjoni tal-uffiċċji minn sid il-kera. L-Aġenzija għamlet pagament inizjali ta' EUR 2 miljun fl-2010. L-ammont li jifdal kellu jitħallas fi tliet pagamenti oħra bin-nifs fl-2011, fl-2012 u fl-2013.

14. L-Aġenzija ikkalkulat b'mod skorrett l-ammont li kellu jitħallas fl-2011 u, b'konsegwenza ta' dan, għamlet pagament eċċessiv ta' EUR 108 287. F'Jannar 2012, sid il-kera ħallas lura l-ammont eċċessiv imħallas. Madankollu, il-pagament li sar b'mod skorrett mill-Aġenzija jindika l-ħtieġa li ssaħħaħ il-kontrolli tagħha għall-prevenzjoni ta' pagamenti eċċessivi bħal dawn.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

<sup>(11)</sup> Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fit-28 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali jinstabu wkoll fuq il-websajt li ġej [http://ec.europa.eu/eaci/docs\\_en.htm](http://ec.europa.eu/eaci/docs_en.htm).

<sup>(12)</sup> Ir-Regoli tal-Kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS).

<sup>(13)</sup> Ara l-paragrafu 13 tar-Rapport dwar il-kontijiet annwali 2010 (ĠU C 366, 15.12.2011, p. 81).

## ANNEX

## L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Brussell)

## Il-kompetenzi u l-attivitajiet

<p><b>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)</b></p>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja (preservazzjoni), il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali.  (L-Artikolu 191 tat-TFUE)</li> <li>2. Il-politika tal-Unjoni dwar l-industrija għandha tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni billi tħaffef l-adattament tal-industrija għal bidliet strutturali, tinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' u kooperazzjoni bejn l-impriżi, tikkoltiva l-isfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politika ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, b'konnessjoni mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi dik il-koordinazzjoni.  (L-Artikolu 173 tat-TFUE)</li> <li>3. Il-politika tat-trasport komuni għandha tistabbilixxi regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Hija għandha tistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li bih it-trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru, u tistabbilixxi miżuri li jtejbju s-sigurtà fit-trasport.  (L-Artikoli 91(1) u 100(2) tat-TFUE)</li> </ol>
<p><b>Il-kompetenzi tal-Aġenzija</b></p> <p>(kif definiti f'id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE emendata bid-Deċiżjoni 2007/372/KE)</p>	<p><b>L-għanijiet</b></p> <p>Fi ħdan il-qafas tal-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjegji, l-Unjoni Ewropea ħadet miżuri li jippromwovu u jiżviluppaw il-kompetittività u l-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment tal-Programm Kwadru tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) 2007-2013 (Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE), notevolment mal-programmi tal-Enerġija Intelliġenti - Ewropa (IEE) u tal-Intraprenditorjat u Innovazzjoni (EIP). Il-miżuri jinkludu wkoll il-Programm Marco Polo (MP) (ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006). L-għanijiet ewlenin b'mod partikolari huma t-trawwim tal-kompetittività tal-impriżi, b'mod partikolari Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs); il-promozzjoni tal-forom kollha ta' innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni; biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-enerġija u sorsi tal-enerġija ġodda u rinnovabbli fis-setturi kollha inkluż dak tat-trasport. Taħt dawn il-programmi tal-UE, l-Aġenzija hija responsabbli għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet li jikkonċernaw l-għajnuna tal-UE, ħlief għall-evalwazzjoni tal-programm, il-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-istudji strateġiċi, jew kull azzjoni oħra li taqa' b'mod esklussiv taħt il-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni.</p> <p><b>Il-kompiti</b></p> <p>L-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE skont id-delegazzjonijiet irċevuti mill-Kummissjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— li timmaniġġja l-istadji kollha matul iċ-ċiklu ta' proġetti speċifiċi;</li> <li>— li twettaq l-operazzjonijiet kollha neċessarji biex tmexxi l-programmi tal-UE, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-baġit inkluż l-għoti ta' kuntratti u għotjiet;</li> <li>— li tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-programmi kif ukoll tippromwovi l-koordinazzjoni u s-sinerġija fost il-programmi;</li> <li>— f'dak li għandu x'jaqsam mal-EIP, li tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-proġetti u tal-animazzjoni tan-netwerk tal-Enterprise Europe (Netwerk Ewropa Intraprenditorjali), il-proġetti pilota ta' eko-innovazzjoni u l-proġetti ta' replikazzjoni tas-suq, u azzjonijiet ta' innovazzjoni bi grad għoli ta' standardizzazzjoni (Proġett bażi tal-IP).</li> </ul>

<p><b>It-Tmexxija</b></p>	<p><b>Il-Kumitat Direttiv</b></p> <p>Dan huwa magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea. Huwa jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv tal-Aġenzija u r-rapport tal-attività annwali tagħha.</p> <p><b>Id-Direttur</b></p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p><b>Il-Verifika Esterna</b></p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p><b>L-awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p><b>Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2011 (2010)</b></p>	<p><b>Il-Baġit</b></p> <p>A) <i>Il-baġit operazzjonali</i></p> <p>EUR 229,6 (249,8) miljun (100 % tal-baġit ġenerali tal-UE). L-EACI timplimenta l-baġit operazzjonali taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— EUR 83,8 (71,0) miljun għall-IEE;</li> <li>— EUR 38 (35,2) miljun għall-ekoinnovazzjoni tal-EIP;</li> <li>— EUR 50,9 (79,7) miljun għan-netwerks tal-EIP,</li> <li>— EUR 56,8 (63,8) miljun għall-MP.</li> </ul> <p>B) <i>Il-baġit amministrattiv</i></p> <p>EUR 15,6 miljun (100 % tas-sussidju tal-UE) għall-baġit amministrattiv li għalih l-EACI hija awtonoma.</p> <p><b>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— It-total tal-persunal: 159 (155) ipplanati li minnhom 156 (142) huma okkupati;</li> <li>— Il-karigi ta' aġenti temporanji (TA): 37 (37) ipplanati, li minnhom 33 (33) huma okkupati;</li> <li>— Il-persunal b'kuntratt: 122 (118-il) kariga pplanati, li minnhom 123 (109) huma okkupati.</li> </ul>
<p><b>Il-prodotti u s-servizzi 2011</b></p>	<p><b>Għall-programm Enerġija Intelliġenti Ewropa (IEE)</b>, 384 applikazzjoni ġew irċevuti fis-sejħa għall-proposti u kien hemm attendenza f'aktar minn 100 laqgħa dwar il-proġetti. Sal-aħħar ta' Marzu 2011, l-Aġenzija kkompletat il-biċċa l-kbira tan-negozjati tal-kuntratti għall-44 proposta magħżula skont is-Sejħa 2010. Il-maġġoranza tal-kuntratti kienu ffirmati sal-aħħar ta' April 2011.</p> <p>L-EACI pparteċipat f'aktar minn 20 jum nazzjonali ta' informazzjoni. Hija wieġbet ukoll għal madwar 200 talba ta' kontrolli qabel il-proposta, bejn wieħed u ieħor finqas minn ġimgħa. Sforzi speċjali kienu ddedikati lill-promozzjoni tal-inizjattiva l-ġdida dwar l-Iżvilupp ta' Ħiliet' biex tħarreġ u tikkwalifika l-forza tal-ħaddiema fil-kostruzzjoni. Ġie organizzat workshop għall-partijiet interessati mill-EACI fis-16 ta' Marzu biex il-parteċipanti fil-kostruzzjoni, fit-taħriġ u dawk istituzzjonali jiġu infurmati dwar l-inizjattiva.</p> <p><b>Il-programm EIP - Netwerk tal-Enterprise Europe</b></p> <p>Il-programm huwa magħmul minn aktar minn 580 organizzazzjoni msieħba f'47 pajjiż, inklużi s-27 Stat Membru tal-UE. Minbarra kompiti tal-ġestjoni tal-proġett ta' 92 kuntratt (fiehmiem speċifiċi ta' għotjiet) u l-proġett IPeuroAware, l-EACI hija responsabbli wkoll għall-'animazzjoni' tan-Netwerk tal-Ewropa Intraprenditorjali u għall-ġestjoni tal-għodod u d-databases tal-IT għall-komunikazzjoni interattiva fost l-imsieħba tan-netwerk. Fl-2011, l-EACI, fisem il-Kummissjoni implimentat l-azzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— In-Netwerk tal-Enterprise Europe: <ul style="list-style-type: none"> <li>— Operazzjonijiet tan-netwerk;</li> </ul> </li> </ul>

- Appoġġ tan-netwerk (animazzjoni);
- Għodod tal-IT għan-Netzwerk.
- Proġetti IPR u l-portal għan-Negozji – L-Ewropa Tiegħek;
- Proġetti tal-ewwel applikazzjoni tal-Ekoinnovazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq.

#### **L-ekoinnovazzjoni**

L-ekoinnovazzjoni hi appoġġata mis-CIP permezz ta' bosta tipi ta' miżuri (strumenti finanzjarji, networks ta' parteċipanti nazzjonali u regionali, proġetti tal-ewwel applikazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq). L-Aġenzija hija fdata bil-ġestjoni ta' proġetti tal-ewwel applikazzjoni tal-ekoinnovazzjoni u tar-replikazzjoni tas-suq b'baġit indikattiv ta' EUR 185 miljun għall-perjodu 2008-2013.

L-isforzi fl-2011 ikkonċentraw fuq:

- L-ikkompletar tal-implimentazzjoni tas-sejħa għall-proposti 2010: in-negozjati kienu kkompletati sal-aħħar ta' Novembru 2011, il-kuntratti kollha (47) kienu ffirmati sal-aħħar ta' Novembru.
- Sejħa ġdida għall-proposti 2011. Is-sejħa 2011 ġiet varata f'April 2011 u attirat 280 proposta. L-evalwazzjoni ċentrali twettqet mill-21 ta' Novembru sad-9 ta' Diċembru. Il-laqgħa finali kienet skedata għall-14 ta' Frar 2012.
- Il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-proġetti ta' ekoinnovazzjoni tal-EIP, kif stipulat fil-Pjan ta' Ħidma għall-Komunikazzjoni tal-Aġenzija (avviżi tal-aħbarijiet elettroniċi, aġġornamenti regolari tal-websajt tal-Ekoinnovazzjoni; trasferiment tad-database tal-proġetti tal-Ekoinnovazzjoni għal server ġdid, stabiliment ta' kuntratt ġdid dwar l-ospitalità u l-manutenzjoni; organizzazzjoni tal-Jum Ewropew ta' Informazzjoni 2011 organizzat f'April 2011.
- Il-ġestjoni ta' proġetti li għadhom għaddejnin.

#### **Il-programm Marco Polo**

L-attivitajiet ewlenin:

- L-ikkompletar tal-implimentazzjoni tas-sejħa għall-proposti 2010 (ġew irċevuti 101 applikazzjoni).
- Wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma MP 2011, għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tas-Sejħa għall-proposti 2011 – is-sejħa ġiet ippubblikata fil-21 ta' Ottubru bi skadenza għas-sottomissjoni tal-proposti tkun is-16 ta' Jannar 2012.
- Il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-programm Marco Polo, kif stipulat fil-Pjan ta' Ħidma ta' Komunikazzjoni tal-Aġenzija.
- Li jsiru rakkomandazzjonijiet lid-DĠ MOVE li huwa jaqa' taħtha, dwar l-implimentazzjoni tal-programm Marco Polo u l-iżvilupp tiegħu fil-futur.
- Il-ġestjoni ta' proġetti li għadhom għaddejnin.

**IT-TWEĠBIET TAL-AĠENZJA**

12. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-Qorti, l-Aġenzija tejbet it-tbassir tagħha dwar it-Titolu 1 (Spejjeż tal-persunal). Fl-2011, fil-fatt kien hemm stima xi ftit żejda minħabba fatturi esterni għall-Aġenzija jew li kienu diffiċli li jtbassru meta l-baġit inizjali ġie adottat bħal: nuqqas ta' deċiżjoni dwar l-indiċjar tas-salarju, persunal li talab liv tal-ġenituri jew liv bla ħlas, bidla aktar spiss tal-persunal milli kien antiċipat, u reklutaġġ għal funzjonijiet speċifiċi li dam aktar milli kien mistenni. Il-baġit tal-2012 ikompli b'approċċ ta' tbassir aktar strett. L-implimentazzjoni tal-baġit fl-2012 turi li l-estimi tal-ispejjeż tal-persunal huma aktar preċiżi mis-snin preċedenti. L-Aġenzija tqis li mhuwiex probabbli li jkun hemm bilanċ favorevoli sinifikanti fil-futur.

13-14. Il-pagament żejjed inkwistjoni ġie rikonoxxut mill-Aġenzija. Kif ġie nnotat mill-Qorti, dan tħallas immedjatament minn sid il-kera. Il-każ ġie ddokumentat u x-xogħlijiet relatati ma' dan il-kuntratt issa ġew rimborżati kollha. L-Aġenzija se tieħu l-miżuri neċessarji biex tevita sitwazzjoni simili għal kuntratti futuri b'r rimborżi bikrija.

---